# Lehen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

B'DEMM IL-MALTIN
REBAH IL-MALTI.

The Royal University of Malta

**It-Tielet Sena** **Settembru 1933** **No. 31**

Stampât fl-"Empire Press" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

SETTEMBRU 1933] IT-TIELET SENA [Nru 31

## IR-REBĦA TAS-SENA 1565
## U R-REBĦA TAL-LSIEN MALTI

Minn sena għal sena jiġi Settembru jfakkarna fir-Rebħa l-Kbira tal-Maltin, u mat-tifkira għażiza jqanqal f'qalbna taħbit ta' mħabba ħierqa u jislet minnha kliem tal-ogħla foħrija għal dawk il-qalbenin li b'demmhom żejjnu 'l Artna bl-isbaħ ġieh. Mhux Malti min jibqa' biered f'dawn il-jiem għeżież; mhux ħuna min ma jagħrafx u ma jistqarrx li minnhom kisbet Malta l-aqwa ġieh u kobor tagħha. Magħqudin il-koll għaqda waħda nħalltu leħinna f'daqqa ħelwa, f'għanja ta' tifħir li toħroġ minn qalbna, sħuna daqs id-demm li xerrdu, safja daqs imħabbithom, qawwija daqs il-qawwa ta' driegħhom. Iżda jekk il-kotra l-kbira tfaħħar il-dawk il-Maltin qalbiena għax bil-ħeġġa tagħhom żammew sħiħ id-Din nisrani, aħna rridu nfaħħruhom għax ir-rebħa kienet mhux biss rebħa tar-Reliġjon imma wkoll rebħa tal-lsien Malti.

L-aqwa ġibda li ħassew il-Maltin biex jiġru għal fuq is-swar u jitqabdu mal-għadu kienet l-imħabba tagħhom lejn id-Din ta' Kristu. Kienu jafu huma li t-Torok l-eħrex egħdewwa tal-insara. Jekk Malta taqa' f'idejhom, kien igħib minn fuqha d-dawl tas-Salib. Imma s-Salib li waqqaf San Pawl fostna, kien imwaħħal ġo qalbna, u biex jinqered, kellha l-ewwel tinqered qalbna u ħajjitna. Għal-

hekk il-Maltin tqabdu, biex iżommu wieqaf f'nofshom is-Salib ta' Kristu, xemx li qatt ma tikfes, ħajja li qatt ma tonqos.

Iżda r-rebħa tal-Maltin tfisser ukoll rebħa tal-lsien Malti. X'kien ikun mill-Maltin kieku ntrebħu mit-Torok? Mijiet kienu mietu fit-taqbida, dawk li baqgħu ħajjin kienu joqtluhom jew jeħduhom irsiera. Jekk xi ftit kienu jeħilsu mill-mewt għax xjuħ jew morda jew miflugin, kienu jistgħu weħidhom, qalb ġens ieħor, iżommu ħajj lsienhom? Kienu jgħibu minn artna d-drawwiet tagħna, t-twemmin tagħna, il-lsien tagħna, u jidħlu fiha drawwiet oħra, twemmin ieħor, lsien ieħor. Kien jinqered il-Malti u miegħu tinqered xhieda ħajja ta' ġrajja qodma li għaddew minn fuq Malta u ħallew atarhom fi lsienna. U meta mbagħad wara dawra ta' snin Malta kienet terġa' taqa' f'idejn oħra u teħles għal kollox mill-Misilmin, ġens ieħor u lsien ieħor kien jidħol fiha. U Malta kienet tibqa' isem biss, art bla ħajja, art li ma jkollha xejn tagħha.

Tqabdu u rebħu l-Maltin. Tqabdu għad-Din Nisrani u rebħu, u magħhom rebaħ il-lsien Malti. Żewġ rebħiet marbutin f'rebħa waħda, r-rebħa ta' kull ma kien jagħżel 'l Malta minn ġnus oħra u jagħmilha kbira u sabiħa f'għajnejn id-dinja kollha.

U biex it-tifħir tagħna ma jkunx tifħir fieragħ, fil-jum li niltaqgħu biex nagħmlu tifkira tar-Rebħa l-Kbira, naħilfu l-koll għalenija fuq l-għadam tal-Maltin rebbieħa li ħajjitna kollha tkun, bħal tagħhom, taqbida ħarxa u qalila, bla hedu u bla ħniena, mal-egħdewwa tad-Din ta' Kristu u tal-Ilsien Malti.

# *LIL MIKIEL ANTON VASSALLI*

## SUNETT

*Vassalli, meta ngħarrex ġewwa ħsiebek,*
*il-ħsieb li kiber ma' żgħużitek f'Ruma;*
*u kif fissirtu fit-taħdit ma' ħbiebek,*
*meta lil Artek rajt bil-ħân maħkuma;*

*u n-nafra tas-Sultan li xejn ma ġiebek*
*wara t-Twissija b'għaqal kbir maħduma,*
*u l għawġ u l-għar li nġabar wara biebek*
*u l-ħabs u l-ħarba f'nofs ta' lejl mitmuma,*

*"Malti safi tas-sew!" toħroġ minn fommi;*
*m'hux għax għallimtna l-ġmiel, is-saħħa, il-għana*
*tal-Isien li tkellmu bih ommok u ommi,*

*iżd' għax ħabbejtha lil din l-Art Ħanina,*
*u kont ewlieni fost in-nisel tagħna*
*li ħsibt il-jedd li nkunu ġens għalina.*

Dun Karm.

San Ġiljan, 5—8—33

# DEHEN TA' ĠEMEL

Ramel, ramel, ramel: kull fejn tixħet għajnejk ramel. Ramel safrani, qisu baħar tad-deheb imewweġ jikwi taħt ix-xemx ta' nofs-inhar sa fejn fl-aħħar donnu jitħallat mal-ikħal safi tas-smewwiet fix-xifer tax-xefaq. Fil-bogħod, min-naħa ta' ftit għerejjex, li kienu mgeddsin ma dwar nixxiegħa żgħira, kienu ġejjin erba' iġmla midfuna taħt tagħbija xaqaq u ħwawar tal-Vant li kienu qegħdin iġorru lejn belt fil-qrib. Kienu strieħu xi sagħtejn ħdejn dak l-ilma safi li, wara li jiċċarċar ma' ftit blat safrani kien jintilef qalb ir-ramel, imbagħad qajmu l-iġmla tagħhom, u reġgħu qabdu triqthom.

Ma kienx ilhom mixjin wisq, meta tfajjel ta' xi ħdax il-sena li kien riekeb fuq il-ħodba ta' wieħed mill-iġmla għajjat lir-raġel li kien qiegħed isuq, u b'leħen imbeżża qallu—Missier, qiegħed iħares lejja ikraħ, il-ġemel.—U tassew; għax kultant dak il-ġemel kien idawwar kemm kemm rasu, u jitfa' fuqu ħarsa li ma tgħidx li kienet ta' bhima.

—Għamiltlu xi ħaġa!—staqsieh l-għarbi, li kien imdaħħal ftit fiż-żmien.

—Jien ma naf li għamiltlu xejn. Biss, l-ewwel, meta konna ħdejn il-għajn għad-dell tas-siġar tat-tamal jien u ħija Maħdi konna qed nirraġġaw flimkien, u jien tfajt ftit ilma lil ħija u lqatt il-ġemel li kien qiegħed jistrieħ għad-dell.—

Dak il-għarbi, meta sema' hekk waqqaf l-erba iġmla, niżżel lil ibnu, u rikkbu fuq il-ġemel ta' wara; f'loku sejjaħ lit-tfajjel li kien fuq dal-ġemel ta' l-aħħar.

U, kulltant xi tfaqqija ta' xi frosta il-karwana reġgħet għal trieqtha fuq dik il-wilġa tikwi ta' ramel.

Kien wara nofs inhar, mita f'bitħa ta' lukanda tal-Kajr daħlu erbat iġmla kollha mgħobbija. Is-sikta tal-mewt li kienet mifruxa ma kullimkien għabet minnufih: il-lukanda ntliet bil-għajjat maħtuf tal-Għarab, li, wara li niżżlu għarkobtejhom l-iġmla tagħhom bdew iħottuhom u jiġġerrew l-hawn u l-hemm mal-wisa' kollu tal-bitħa.

Kien tassew fihom x'tara dawk l-iġmla, bil-ħarsa ħiemda tagħhom idawru bil-mod il-mod rashom issa l-hawn u issa l-hemm, u kultant ixommu il-balal tal-ħwejjeġ u affarijiet oħra mifruxin mal-art li l-għarab kienu ħattew minn fuqhom. Il-għarab imgeżwrin fil-gvieret bojjod tagħhom, wara li ħattew kull ma kellhom, daħħlu l-ġmula fl-imqawel, u marru fil-kmamar li tal-lukanda kien ħejjielhom biex jistrieħu mit-taħbit tas-safra.

Iżda wieħed minnhom, meta daħal, sejjaħ lil ibnu, u—Inża ħwejġek, qallu, u ilbes dawn—, fil-waqt li newwillu tibdila ħwejjeġ oħra. Ibnu għamel kif qallu missieru; dan mela dawk il-ħwejjeġ bit-tiben li sâb hemm imgeddes f'rokna. Min-naħa ta' l-għonq daħħal biċċa ċarruta u geżwirha b'sura ta' râs; inbagħad ħa biċċa ħabel minn ħiżiemu, u minn tarf wieħed rabat lil dik ix-xbiha ta' tifel minn qaddu. It-tifel qagħad il-ħin kollu iħares lejn missieru mistagħġeb b'dak li kien q'ed jagħmel. Missieru râh f'dik il-qagħda, imma ma kellmu xejn; xħin temm, qallu biex imur miegħu, u ħareġ mill-kamra bit-tifel tat-tiben li kien għamel.

L-għarbi, b'ibnu warajh, baqa' sejjer lejn l-imqawel. Xħin waslu, il-missier niżżel minn mal-ħajt żewġ slielem, qegħidhom mal-ħajt ta' wieħed mill-imqawel, u qal lit-tifel biex jitla' fuq wieħed minnhom fil-waqt li hu tela' fuq l-iħor.

F'dak il-maqjel kien il-ġemel li fix-xagħri kien xeħet dik dik il-ħarsa fuq it-tfajjel. Kien mixħut donnu ġebla, iserraħ ġismu wara l-mixja. L-għarbi ġagħal lit-tfajjel iħares l-isfel bla ma jħalli lil ġemel jarah. Hu, imbgħad, qabad il-ħabel minn tarf wieħed, u bih niżżel ħdejn il-ġemel dik ix-xbiha ta' tifel li kien għamel bil-ħwejjeġ t'ibnu. Dan minnufih qam b'qabża mill-qagħda ta' serħan li kien fiha, u b'għajta ta' qilla li twaħħax intefa fuqha, u f'ħin wieħed għamilha ċraret.

Meta l-Għarbi ra' dan, —Eh, qallu bil-herra, hekk mela kont tagħmillu kieku kien ibni—. Għal għajta ta' sidu, il-ġemel ħa ħasda; waqaf u nstabat ma' l-art mejjet. Hekk kbira kienet id-dehxa li ħa għaċ-ċanfira ta' sidu! L-għarbi dar fuq ibnu u,—ibni, qallu, int li għad tgħaddi ħajtek qalb l-iġmla, ara li ma tinbixx lil xi ġemel; dan hu fost il-bhejjem kollha l-iktar li jieħu għalih u jżomm f'qalbu. Meta, aħna u ġejjin beda jħares lejk ikraħ, ma kellux f'qalbu li jagħmel minnek għajr dak li għamel minn din ix-xbiha tiegħek. Ed. Coleiro

---

## TAQLIB U TQABBIL

Il-biċċa l-kbira tal-kittieba ma jagħżlux bejniethom dawn iż-żewġ għamliet ta' verbi u jiktbu l-waħda meta jmisshom jiktbu l-oħra. Ħażin. *Taqlib* ġejja minn *qalleb*, *tqallib* ġejja minn (*hu*) *tqalleb*. Mela għandna niktbu *taqlib* kull meta rridu nfissru għamil ġejj minn *qalleb*, u *tqallib* kull meta rridu nfissru għamil ġejj minn *tqalleb*. Għalhekk għandna ngħidu: *dik taqliba li qalleb id-dar*! *Kien rieqed, tqalleb tqalliba u stenbaħ.* Hekk ukoll għandna ngħidu: *Qabbel taqbila sabiħa*, u mhux: *tqabbila sabiħa*. Mela qabel ma niktbu *taqbil* jew *tqabbil* jew verbi oħra tal-għamla tagħhom, naraw sewwa x'irridu nfissru biex ma jiġrix li nfissru ħaġa b'oħra. *Qabbel* u *taqbil* ifissru għamil li jgħaddi minn min jagħmlu għal ħaddieħor; *tqabbel* u *tqabbil* ifissru għamil li jibqa' f'min jagħmlu.

# IX-XALATA TAL-IMSEĦBIN TAL-GĦAQDA

Kienet għodwa mill-isbaħ fi dħul ix-xahar ta' Awissu. Żiffa ta' riħ fuq kienet tfewweġ ħelu u ttaffi s-sħana tas-sajf, u sħab kbir bajdani, donnu kobob ta' tajjar imgeddes, kien jiġġiera ħafif mal-firxa tas-sema, igħatti x-xemx u jħabbar il-għarixa ta' Santa Marija. Kien l-eqqel tas-sajf, imma kont tistħajlu jum ta' ħruġ ir-rebbiegħa.

F'xi d-disgħa lqtajna ħdejn Berġa Kastilja, tnax l-imsieħeb tal-Għaqda. Tnax il-wieħed? jiġifieri, tnax il-fomm daħkani, tnax il-wiċċ hieni, tnax il-qalb ferħana. Wara x-xogħol iebes tal-iskola, wara t-taħbit qalil tal-eżamijiet, li huma l-imrar tal-ħajja tal-imsejknin studenti, ħarġa bħal din barra mill-Belt, fil-beraħ tar-raba' u max-xtut tal-baħar, kienet l-aħjar duwa biex treġġa' fina l-ħajja u s-saħħa ta' żgħożitna.

Tlaqna mill-Belt f'karozza kbira, ġbidna għall-Imsida, għaddejna mill-wied ta' Birkirkara u bqajna sejjrin il-Musta. Hemmekk waqafna u dħalna daħla l-Knisja, xhieda tal-ħila Maltija u xbieha tal-kobor tas-smewwiet. Rajna x-xogħol tal-koppla, li għoddu wasal fl-aħħar, iżda l-aktar li stagħġibna mhux bit-tinqix imdieheb tas-saqaf, imma bid-dehen ta' min ħaseb, ħadem u talla' hemm fuq dak l-armâr tal-għaġeb li jilħaq mal-koppla kollha minn fuq s'isfel u jdur magħha dawra mejt. Ħadd, ħlief il-Maltin, ma kellu l-ħila jindaħal għal xogħol bħal dak.

Ħriġna mill-Musta, għaddejna miż-Żebbieħ għall-Imġarr. Fis-sajf ir-raba' tagħna, nieqes mill-ilma, ma fihx x'tara. Ħdura ta' xejn, ħlief xi roqgħa qamħirrum l'hawn u l'hemm, xi erba' għeruq tal-bħajra, u ftit saqwi madwar xi sienja. L-anqas ħaddiema ma kont tara fil-għelieqi. Kollox ħiemed; il-ħajja tar-raba' kienet donnha rieqda, imma mqar fil-ħemda tagħhom dawk l-inħawi kienu jidhru sbieħ għalina, isbaħ mid-dieq mudlam tal-Belt.

L-Imġarr kellha tkun il-waqfa u l-ikla ta' nofs-in-nhar. Għalhekk malli wasalna, morna għand Ġużepp ta' Lieni, tal-ħanut, biex nuruh ma' min sa jkollu x'jaqsam f'nofs-in-nhar. Rajna l-knisja li qiegħda tinbena. Ilhom is-snin jaħdmu fiha, issa waslu biex isaqqfuha. Tistagħġeb kif kellhom ħila jtellgħuha, neqsin minn kull għajnuna barranija. Iżda kollox tista' l-ħeġġa lejn id-Dar t'Alla u t-tama f'Alla waħdu.

Kif konna l-Imġarr, morna nfittxu biex neħduh magħna l-ħabib tagħna u seħibna fl-Università, Orazju Vella. Qbadna

t-triq fejn dehrilna li għandna nsibuh, iżda ma konniex nafu fejn joqgħod. Mara xwejjħa, bil-maktur f'rasha, xirfet fil-bieb biex tara x'aħna u min aħna. Morna fuqha u staqsejnieha: "Marì, fejn joqgħod Grezzju Vella?"

"E?" weġbitna, b'għajnejha msammrin fuqna, tiflina minn fuq s'isfel wieħed, wieħed.

"Fejn joqgħod Grezzju Vella?" irġajna staqsejnieha.

"E?" tenniet ix-xwejjħa, bla ma qalgħet għajnejha minn fuqna.

"Fejn joqgħod Grezzju Vella?" staqsejnieha għat-tielet darba, b'leħen aktar għoli.

Fl-aħħar donnha stenbħet mill-għaġeb tagħha, refgħet rasha lejna u qalet "Koss, taf li ma fhimtkomx? għax minn din—u messet b'idha widnitha l-leminijja — ma tantx nieħu." Hawn Toni Buttigieg waħħal idejh it-tnejn madwar ħalqu, resaq lejn ix-xiħa u żarżrilha f'widnejha, biex tieħu żgur: "Fejn joqgħod Grezzju Vella?"

"Ee! issa fhimtek;" wieġbet, "Grezzju, iwa...." Imma ma laħqetx temmet il-kelma li ma narawx 'l Grezzju tagħna ħiereġ minn bieb hemm fil-qrib, ġejj ferħan jiltaqa' magħna. Sellimna lix-xiħa b'rasna u b'idejna, għax bil-kliem kien għal xejn, u tlaqna.

Mill-Imġarr għal Għajn Tuffiħa. Sibna ċaqliqa ġmielha. X'nagħmlu? Ngħumu? Bandiera ħamra tperper fuq it-torri kienet twissina biex ma ngħumux, iżda aħna ma domniex naħsbuha wisq. F'kemm ili ngħid, sitta minna, li kellhom il-ħwejjeġ tal-għawm, kienu qegħdin iżiġġu, bħal ħut, fl-ilma; min igħum wiċċu 'l fuq, min għal ġenbu, min bil-qama, min jogħdos, min jaqbeż mill-blat. Iżda kellna ftit tal-għaqal biex ma nitbiegħdux mill-art, għax mal-baħar ma tridx tilgħab, u ċ-ċaqliqa aktar kienet tinħass milli kienet tidher.

F'nofs-in-nhar konna għadna ngħumu, u konna nibqgħu ngħumu aktar kieku sħabna ma xebgħux jixxemmxu fuq ir-ramel. Tlajna, ilbisna u qbadna l-mogħdija mexjin kemm kemm nitħarrku, għalkemm kellna seba' mitt sena li naslu, għax issa l-ħin u l-għawma bdew jagħmlu tagħhom fuqna sewwa.

Għalkemm ma konniex naraw is-siegħa u l-ħin li nintasbu għall-ikel, ma ridniex nibqgħu sejrin bla ma naraw il-fdal ta'dik il-Villa Rumana fil-wied ta' Għajn Tuffieħa. L-ewwel ma ntebaħ biha kien il-Perit Rizzu, erba' snin ilu, waqt it-taħfir għal xi xogħlijiet tal-ilma. Il-Prof. Sir Tem. Zammit, malli sema', târ għal hemmekk, qabbad minnufih il-ħaddiema jħammlu l-ħamrija u kixef il-bini ta' dar sabiħa ta' żmien ir-Rumani. It-tifsila tad-dar għadha tidher tajjeb; kienet dar ta' xi wieħed għâni bħalma tixhed il-qiegħa tagħha miksija b'irħam u mużajk mill-isbaħ. Il-Prof. Zammit jaħseb li dik id-dar inbniet xi 100 sena wara Kristu.

U mid-dar imġarrfa ta' Ruman għâni għad-dar xemxija ta' Ġużepp ta' Lieni. Sibnieh jistenniena, iberred u jsaħħan biex l-ikel jibqa f'siktu. Mejda mifruxa nadif u mgħammra kif imiss. Dorna magħha dawramejt, u biex jagħlaq id-dawra stedinna l-kappillan tar-raħal Dun Edgar Salomone, raġel ferrieħi, dħuli kemm tridu, ħabrieki, jiġri u jaħdem dejjem għal dawk in-nies merħijin f'idejh. Berkilna l-mejda, u minnufih kull ħadd medd idejh għax-xogħol. X'hena ħassejna f'qalbna dak il-ħin! Qatt daqs dak il-ħin ma ħassejna ruħna marbutin flimkien! Mhux rabta ta' ħbeberija biss, iżda rabta ta' aħwa, ta' familja waħda tiekol minn fuq mejda waħda. U kilna u xrobna għal qalbna u dħakna u għajjatna u nbixna lil xulxin u, għal ħin wieħed insejna t-taħbit qalil tal-iskola u tal-eżamijiet. Żiedu jħawwrulna l-mejda l-ħrejjef jew praspar ta' Konzu ż-Żebbuġi. Kullħadd maqsum bid-daħk hu u jisma' kif darba fil-quddiesa talewwel Konzu paspar litanija li qatt ma kien qalha f'għomru; kif darba lil waħda mara raħlija urieha minn fejn tgħaddi mill-Furjana għal Belt, u mitt praspura oħra.

Wasalna fl-aħħar. Kien jonqos li jqum xi ħadd u jgħid erba' kelmiet għas-saħħa ta' min kellna nixorbu l-aħħar qatra. Wieħed iqabbeż il-ieħor u ħadd ma jrid jaqbeż hu. Toni Buttigieg b'tazza nbid quddiemu, iħares lejha sieket donnu qiegħed jara jilmaw fiha l-ħsebijiet ta' moħħu. F'daqqa waħda Dun Karm il-poëta tâh in-nar; qallu :

Ixrob dik it-tazza nbid
w-issib xi tgħid kemm trid,

U Toni xorobha, u l-kliem beda jgelgel minn fommu bħal wied imfawwar. Tkellem fuq il-Għaqda, fuq l-imseħbin, fuq l-eżamijiet, jew aħjar fuq ir-rebħa tal-istudenti tal-Għaqda fl-eżamijiet, faħħar lil kullħadd, barra minnu n-nifsu, u lil kullħadd xtieq ġieh u risq.

Tkellem inbagħad Dun Karm u, bi kliem safi daqs l-ilma li jnixxi mill-blat, feraħ lill-istudenti tal-Għaqda, li rebħu l-premijiet kollha, ħeġġiġhom biex iżommu dejjem sħiħ fit-tagħlim u wissiehom li l-ħedma tagħhom għall-Malti għandha tkun imnissla biss mill-imħabba lejn Artna u mill-imħabba lejn it-tagħlim.

Wara l-ikel il-kappillan stedinna mmorru d-dar tiegħu. X'għaxqa ta' dar! bejta tal-hena! Raba' quddiemha u raba' warajha; minn kull fejn tħares tara l-kobor tas-smewwiet mifruxin fuqek u tħossok toħroġ barra minnek in-nifsek u tintilef fil-kobor tal-ħolqien. Imdendlin mal-ħitan il-kappillan uriena ħafna tifkiriet tal-Gwerra l-Kbira: balal, azzarini, elmijiet, xwabel, maskri u ħafna ħwejjeġ oħra, li hu jgħożżhom bħala tifkira ta' dawk iż-żmenijiet qalila, meta hu kien jagħmel dmiru ta' qassis mas-suldati.

Għaddejna siegħa jew aktar għar-rwieħ ħdejn bieb id-dar. Min bil-qegħda fuq bank tal-ħaġar, min jitbandal fuq pultruna, min mixħut minn tulu fuq il-bankina, min idaħħan, min igħid ħaġa u min oħra. Tħadditna fuq kollox, iżda dur, dur, dur sa fl-aħħar il-kliem waqa' fuq il-Malti. Xebbaħna l-Malti ma' ilsna oħra li n-nisel tagħhom mitluf fid-dlam taż-żmien; kibru ftit ftit bi kliem barrani; kienu mmaqdrin minn nieshom, li aktar kienu jħobbu l-ilsna barranin; iżda fl-aħħar rebħu u kellhom minn kullħadd il-ġieh li ħaqqhom. Għidna: Min jaf għadx jiġrilu hekk lill-Malti wkoll?

Ma xtaqniex nitħarrku minn hemm. Konna għal qalbna, nistrieħu għad-dell u għar-rwieħ u nitħaddtu fuq ħwejjeġ li jfejjdu u jogħġbu. Imma l-ħin beda jross. Għalkemm fuq qalbna, ħteġilna nitilqu. Sellimna lill-kappillan, iżżejnieh ħajr minn qalbna u tlaqna b'tifkiriet sbieħ li ma ninsewhomx malajr.

Mill-Imġarr ġbidna għal San Pawl il-Baħar mill-Pwales. Waqafna San Pawl il-Baħar. Tħajjarna nerġgħu ngħumu, imma bqajna bil-ħajra biss, għax ma kellniex żmien biżżejjed. Qgħadna ftit ħdejn il-baħar nimxu u nieqfu, inħarsu u nitħaddtu, inbagħad irkibna u bqajna sejjrin dejjem max-xatt ix-xatt għas-Salini, għal baħar iċ-Cagħak, San Ġiljan, Tas-Sliema sa ma wsalna l-Belt, ferħanin u daħkanin bħal xħin tlaqna.

8.

# WARD MALTI

## VI.

# QATRA TA' NIDA

(Mill-*Messaġġier Malti tal-Kalb ta' Gesù, April, 1930)*

I.

Saħħritni, għaġġbitni,
Dal-għodu kif rajtha,
Fuq siġra ta' ħawħa fil-ġnien....
Fid-difa ta' l-ajru bħal mdendla minn ħajta,
Imwieżna f'tarf werqa kemm kemm....
Hekk ħlejju dak ġmielha.
Milquta minn xemx għadha tielgħa;
Hekk ħamra bħal demgħa tad-demm!

Stħajjiltha bħal kewkba
Li tidher fis-sema fl'għaxija
Kif taqa' fuq wileġ u raba'
Il-ħemda wid-dalma lejlija!

.....................................................................

II.

Mill-beraħ f'ħin wieħed stejqer
Nifs ħelu ta' fewġa,
Li qajjem fix-xuxa tas-siġar
Ta' ħajja bħal mewġa....
Il-friegħi b'tħaxwixa kemm triegħdu.....
Wil-qatra ġawhrija tan-nida,
Mill-werqa ħanina li kienet tirfidha,
Dlonk tgerbet w iġġarfet
Fit-trab tal-ħamrija,
W intilfet w intradmet
Fit-tajn imżebilħa, mormija!....

..........................  ...........................................

III.

Deherli jien nara fil-ġrajja
Tal-qatra demmija tan-nida,
Bħal xbieha tar-ruħ f'din il-ħajja!....
Tisirqek bid-dija
Fil-jiem ta' bla ħtija;
Hekk sbejħa, hekk irżina,
Imbewsa mis-sema fuq ġbinha,
Bil-bewsa ta' sliema ta' benna
Ta' barka' ta' mħabba ta' ġenna!
Jaħasra! x'tibdila,
X'ħin f'daqqa fir-rwiefen qalila,
Li jonfħu qerrieda fil-qlub,
Tiġġarraf fil-ħama tal-ħażen,
Tiddellel, titħammeġ bit-teba,
Bit-teba mewwieta tad-dnub!
Kif f'daqqa jintefa, jinħeba
Kull dawl ġewwa fiha....
Kull safa ta' fwieħa, ta' bjuda,
Kull ħajr ta' sbuħija!!

Dublin, 31-1-30. G. Delia S.J.

# KLIEM ĠDID FIL-MALTI

## X'KITBULNA

Fil-għadd ta' Awissu, faċċ. 88 ta' dan il-qari ħajjarna l-kittieba żgħażagħ jibdew huma wkoll isawwru xi kliem ġdid u jibagħtuh lilna qabel ma jdaħħluh fil-kitba. Kliemna ma marx mar-riħ. Sa nġibu hawn x'kitbilna D. K. F u nuru fejn għalet.

"Jidhirli li mill-vrieb *silem* u *għalem* jista' wieħed joħroġ iż-żewġ aġġettivi *sielem* u *għaliem*....*Sielem* ifisser *vantaġġus*....*għaliem* ifisser wieħed li jitgħallem malajr."

Inwieġbu: L-aġġettiv *sielem* magħmul tajjeb, iżda ma jfissirx "*vantaġġus*" *Silem* ifisser *kien tajjeb*, *kellu l-ġid* u u mhux *kien ta' ġid*, għalhekk *sielem* tfisser wieħed li jħoss ruħu f'siktu, li hu qawwi u sħiħ. Fil-grammâtka Għarbija jgħidulu *sielem* dak il-verb li fil-bini u fit-tiswir tiegħu jżomm dejjem it-tlett konsonanti tal-għerq magħżulih minn xulxin L-aġġettiv *għaliem* mhux magħmul tajjeb. Minn *għalem*, nistgħu ngħidu *għâlem* ta' għamla waħda bħal *sielem*, u jfisser wieħed li jaf, għaref, u nistgħu ngħidu ukoll *għalîm*, ta' għamla waħda bħal *għażiż* u jfisser ukoll *għaref*.

"Mill-avverb *gewwa* jista' wieħed jagħmel il-verb *ġewwen* jiġifieri *daħħal gewwa*, hekk. Jiena ġewwintek f'qalbi, qabel ma kont tafni."

Tajjeb. Iżda nistgħu ngħidu ukoll *ġewwa*, *iġewwi* bħalma ngħidu *barra*, *ibarri*; hekk: *Min ma tafux*, *la ġġewwihx*, jiġifieri la żżommux bħala wieħed ta' ġewwa.

"Minn *tifel* u *raġel* jistgħu jsiru l-vrieb *tfajjel jitfajjel* u *trieġel*, *jitrieġel*,"

Le; minn *tifel* ngħidu *ittiffel*, *jittiffel*; hekk: *Meta nagħmilha mat-tfal*, *nittiffel bħalhom* (u mhux *nitfajjel*), jiġifieri: *nagħmilha ta' tifel bħalhom.* Minn *raġel* aħjar ingħidu *traġġel* inkella *trieġel*, hekk: *In-nisa tal-lum iridu jitraġġlu*, jiġifieri: *jagħmluha ta' rġiel.*

"Minn *difer* nistgħu ngħidu *differ*".

Tajjeb. U għalhekk lil dik it-tifla li kienet tqaxxar larinġa b'difirha qaltilha sewwa ommha: *X'inti iddiffer hemm!*

"Min *pinna* nagħmlu *pinnen*".

Tajjeb. Darba waqt li D. K. F. kien qiegħed jikteb daħal wieħed fuqu u qallu: *X'inti tpinnen hemm?* u qallu tajjeb.

P. P. SAYDON.

# TAGĦRIF

---

Ħadna dehxa u ferħa mill-akbar meta smajna ftit ilu s-Sur Ġann Pullicino, student fl-Università tagħna, jitkellem bil-Malti bir-radjo mill-Ungerija. U magħna semgħuh mijiet u mijiet oħra mad-dinja kollha. Jalla jitħajjru oħrajn minnu u jxandru mad-dinja l-lsien Malti u jgħarrfu lid-dinja kollha li Malta hi Malta għax għandha lsien tagħha.

Bagħtulna, u niżżuhom ħajr, it-*Teacher* ta' Ġunju, Lulju u Awissu. Is Sur Ġ. Vassallo temm it-tagħrif tiegħu fuq il-kitba Maltija, *The Catechism of the Maltese Orthography*, u issa nittamaw li narawh miġbur fi ktieb wieħed.

Smajna li qegħdin jinfetħu xi skejjel tal-Malti, jew biex ingħid aħjar, xi ħbieb tal-Malti qegħdin jiġbru madwarhom xi żgħażagħ jgħallmuhom il-kitba tal-Malti. Hemm waħda Ħaż-Żebbuġ u oħra Għawdex. Nixtiequ li jinfetħu oħrajn u nħajjru ż-żgħażagħ imorru kemm jistgħu għat-tagħlim.

Dan il-għadd ta' *Leħen il-Malti* ħareġ iżgħar minn ta' qablu. Mhix ħtija tagħna u anqas mhi ħtija tal-kittieba, iżda ta' xi wħud mill-imseħbin li ma jeħdux ħsieb il-ħlas. X'uħud għadhom anqas ma ħallsu t-tieni sena 1932-1933 Trid wisq biex titfa xelin bolli f'envelop u tibagħtu *l-Empire Press?* Wieħed jieħu ftit tal-ħsieb u nibqgħu mexjin kif konna. Ma jidhrilniex li hemm għalfejn noqogħdu nfakkru lil kull wieħed u niktbulu biex iħallas. Għalhekk nitolbu l-imseħbin li, malli jaslilhom dan il-ktieb, jaraw fiex inhuma fil-ħlas, u min hu lura jibagħtilna dak li għandu jati.

# ABBONAMENT

6d. kull sitt xhur
1s. kull sena
Kopja wahda sold
Ghal barra minn
Malta id-doppju.